**593. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, jipproponi:**

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra, dan li ġej għandu jirregola l-proċedura dwar l-Estimi Ġeneralital-Ispiża għas-sena 2022 u dwar l-Estimi Supplimentari tal-Ispiża għas-sena 2021.

**A. Provvedimenti Ġenerali**

1. Illi jkunu jistgħu jittieħdu aktar minn seba’ seduti għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali fil-Kumitat ta’ Provvista (Ordni Permanenti Nru 71(3)(ċ)).

2. Illi l-Kamra tista’ tiltaqa’ filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

3. Illi matul il-jiem tad-dibattiti dwar l-Estimi Ġenerali 2022, kif ukoll fil-jiem tal-Kumitat ta’ Provvista għall-Estimi Ġenerali 2022, u l-Estimi Supplimentari għas-sena 2021, il-ħin li fih għandha tiltaqa’ l-Kamra hu kif ġej:

(i) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejnu nofs. Il-Kamra tiltaqa’ fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f’nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għas-Saħħa, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(iii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa’ fid 9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f’nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(iv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(v) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa’ fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f’nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Intern is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(vii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f'nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(viii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Governanza, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(ix) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Agrikultura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f'nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(x) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f'nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f'nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xiv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ambjent,

it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xv) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għal Għawdex, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f'nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xvi) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xvii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 am, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mid-9.30 am, bid-dibattitu jibda fid-9.30 am u jispiċċa f'nofsinhar, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xviii) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs, bid-dibattitu jibda fl-4.00 pm u jispiċċa fis-6.30 pm. Is-seduta tkun mingħajr mistoqsijiet u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx;

(xix) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar minn sagħtejn u nofs. Il-Kamra tiltaqa' fl-4.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mill-4.30 pm, bid-dibattitu jibda fl-4.30 pm u jispiċċa fis-7.00 pm, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx; u

(xx) fil-ġurnata mħollija għad-diskussjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, ix-xogħol finanzjarju ma għandux jieħu aktar tliet sigħat. Il-Kamra tiltaqa' fit-3.00 pm, il-mistoqsijiet jistgħu jiġu magħmula lill-Ministri sa mhux aktar tard mit-3.30 pm, bid-dibattitu jibda fit-3.30 pm u jispiċċa fis-6.30 pm, u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

4. Illi l-ħin li jittieħed għal xi sospensjoni waqt id-diskussjonijiet kollha fuq l-Estimi Ġenerali 2022, Kumitat ta' Provvista, Estimi Supplimentari 2021, kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, għandu jiżdied mal-ħin stabbilit għall-interruzzjoni tax-xogħol.

5. Illi minbarra t-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt, kemm filgħodu, wara nofsinhar u filgħaxija fl-istess jum.

6. Illi meta l-Kamra tiltaqa' nhar ta' Ħamis, kemm filgħodu, kemm wara nofsinhar u kemm filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern.

7. Illi fis-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2022 jew l-Estimi Supplimentari 2021, jista' jsir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kif ikun jidher fuq l-Aġenda, wara li jispiċċa x-xogħol finanzjarju fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol u wara li jgħaddi x-xogħol kollu li jkun jidher fuq l-Aġenda, jitressaq l-Aġġornament u l-ħin tal-Aġġornament ma jitteħidx.

8. Il-ħinijiet u d-dati tad-dibattiti kif spjegati fl-iskeda murija aktar 'l isfel jistgħu jinbidlu bi ftehim milħuq fil-Kamra.

**B. Estimi Ġenerali 2022**

1. Illi jkun hemm żewg seduti fuq il-mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għas-sena 2022; u l-ewwel seduta minn dawn tkun għall-Oppożizzjoni, waqt li t-tieni waħda tkun għall-Gvern; u ż-żewġ seduti jkunu eżenti mil-limiti ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49 jew xi riżoluzzjoni oħra. Il-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ta' dawn iż-żewġ seduti jkun fit-8.30 pm u l-ewwel votazzjoni tittieħed ħames minuti wara li tintalab, waqt li l-votazzjonijiet l-oħra kollha li jistgħu jintalbu, jittieħdu immedjatament wara. Il-ħin tal-Aġġornament ta' dawn is-Seduti ma jitteħidx.

2. Illi fil-jiem tal-Kumitat ta' Provvista:

(i) kull Ministru jressaq ir-riżoluzzjonijiet tiegħu fil-Kumitat fil-bidu tad-diskussjoni dwarhom; u mbagħad il-ħin disponibbli għad-diskussjoni jinqasam indaqs bejn Gvern uOppożizzjoni bl-aħħar nofs għall-Gvern;

(ii) fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol finanzjarju, id-diskussjoni tiġi meqjusa bħala konkluża salv għal xi rikonsiderazzjoni li jista' jipproponi l-Gvern dakinhar jew f'data ulterjuri sabiex jitressqu emendi għal xi riżoluzzjonijiet partikolari; u t-tqegħid tal-mistoqsija fuq ir-riżoluzzjonijiet kif jidhru fuq l-Aġenda, u fuq l-emendi li jista' jkun hemm għalihom jiġu posposti għal seduta/i li d-dati tagħhom jiġu deċiżi mill-Gvern, f'liema seduta/i Ministru jista' wkoll iressaq emendi li jitqiegħdu għall-vot mingħajr diskussjoni;

(iii) fis-seduta/i allokata/i għar-rikonsiderazzjoni ta' xi riżoluzzjonijiet jew/u għat-teħid tal-votazzjonijiet u l-emendi li jista' jkun hemm għalihom, skont il-paragrafu preċedenti, l-ewwel votazzjoni għandha tittieħed ħames minuti wara li tintalab waqt li l-votazzjonijiet l-oħra, jekk ikun hemm, jittieħdu immedjatament warajha, sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor.

3. Illi l-voti ta' kull Ministeru fil-Kumitat ta' Provvista jistgħu jittieħdu għad-diskussjoni mhux fl-ordni u fid-dati kif jidhru hawn taħt u iktar minn voti ta' Ministeru wieħed jistgħujiġu diskussi f'seduta waħda.

4. Illi matul il-perjodu li fih ikunu qed isiru s-seduti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-Estimi Ġenerali 2022, l-Estimi Supplimentari 2021 kif ukoll waqt iż-żewġ approprjazzjonijiet, il-Kamra tista' tiltaqa' wkoll biex isir xogħol ieħor tal-Gvern, inklużi mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet, kemm filgħodu, wara nofsinhar u anke filgħaxija, kif ikun jidher fuq

l-Aġenda.

DISKORS TAL-BUDGET
It-Tnejn, 11 ta’ Ottubru 2021 fis-6.30 pm

RISPOSTA MILL-KAP TAL-OPPOŻIZZJONI
It-Tnejn, 18 ta’ Ottubru 2021 mis-6.30 pm sat-8.30 pm

RISPOSTA MILL-PRIM MINISTRU
It-Tlieta, 19 ta’ Ottubru 2021 mis-6.30 pm sat-8.30 pm

L-EWWEL JUM
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ
L-Erbgħa, 20 ta’ Ottubru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IT-TIENI JUM
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
L-Erbgħa, 20 ta’ Ottubru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IT-TIELET JUM
MINISTERU GĦALL-ANZJANI U ANZJANITÀ ATTIVA
It-Tnejn, 25 ta’ Ottubru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IR-RABA’ JUM
MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI
It-Tnejn, 25 ta’ Ottubru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IL-ĦAMES JUM
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U GVERN LOKALI
It-Tlieta, 26 ta’ Ottubru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IS-SITT JUM
MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI
It-Tlieta, 26 ta’ Ottubru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IS-SEBA’ JUM
MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA U D-DRITTIJIET TAT-TFAL
L-Erbgħa, 27 ta’ Ottubru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IT-TMIEN JUM
MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-GOVERNANZA
L-Erbgħa, 27 ta' Ottubru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

ID-DISA' JUM
MINISTERU GĦALL-AGRIKULTURA, SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
It-Tnejn, 1 ta' Novembru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

L-GĦAXAR JUM
MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI
It-Tnejn, 1 ta' Novembru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IL-ĦDAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
It-Tlieta, 2 ta' Novembru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IT-TNAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA U L-INDUSTRIJA
It-Tlieta, 2 ta' Novembru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IT-TLETTAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA
L-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

L-ERBATAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR
L-Erbgħa, 3 ta' Novembru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IL-ĦMISTAX-IL JUM
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
It-Tnejn, 8 ta' Novembru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IS-SITTAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
It-Tnejn, 8 ta' Novembru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

IS-SBATAX-IL JUM
MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR
It-Tlieta, 9 ta' Novembru 2021 mid-9.30 am sa nofsinhar

IT-TMINTAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-INTRAPRIŻA U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI
It-Tlieta, 9 ta' Novembru 2021 mill-4.00 pm sas-6.30 pm

ID-DSATAX-IL JUM
MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL
L-Erbgħa, 10 ta' Novembru 2021 mill-4.30 pm sas-7.00 pm

L-GĦOXRIN JUM
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
It-Tnejn, 15 ta' Novembru 2021 mit-3.30 pm sas-6.30 pm

Il-votazzjonijiet fuq ir-Riżoluzzjonijiet u l-Emendi konnessi mal-Estimi,
l-Approprjazzjoni għas-sena 2022 – l-istadji kollha, u
l-Estimi Supplimentari 2021 – l-istadji kollha,
jittieħdu *f'data li tiġi deċiża mill-Gvern skont il-paragrafu B.(2)(ii).*

09.10.2021